**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Novembru 2024**

Rikors Numru: 255/24 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1159/13)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) gewwa r-Rabat;

2. Illi għal kull buon fini c-certifikat taż-żwieg ta bejniethom bin-numru 1159/2013 qiegħed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';

3. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;
4. Illi l-ħajja konjugali ta' bejniethom ma baqgħetx aktar possibbli u ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet illi huma suffiċjenti fil-ligi ghall-ottjeniment ta' separazzjoni personali;
5. Illi għalhekk il-partijiet dahlu f'kuntratt pubbliku ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor David Joseph Borg datat is-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) u għalhekk is-separazzjoni tagħhom hija regolata b'dan il-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B';
6. Illi ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
7. Illi allura għar-raġunijiet fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 ta’ ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti u għalhekk jista' jigi pronunzjat il-hall taż- żwieġ bejn il-partijiet;
8. Illi l-Artikolu tal-liġi fuq citat jipprovdi li divorzju moghti taht Artikolu 66B fejn hemm kuntratt ta' separazzjoni, ma jvarjax l-effetti ta' dak diġa' miftiehem hlief bl-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-ligi.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Previa kull notifika u/jew procedura ulterjuri rikjesta skond il-Ligi, tippronunzja l-hall taż-żwieg bejn il-kontendenti, liema żwieġ sehh fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas- sena elfejn u tlettax (2013); u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta’ Gunju 2024;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-qorti jwiegeb li m’ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur..

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Novembru 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.